**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 205/2021 AL

AB

(K.I. 112372 M)

vs

CD

(K.I. 46873 M)

(MR Number 451/1995)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrent kien izzewweg lil C D gja B nhar l-erbgha ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (04/06/1995) u dan kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok A;

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, P li llum ghandha erbgha u ghoxrin sena u M T li llum ghandu dsatax-il sena u jahdem fuq bazi full time;

3. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (27/06/2014)(Dok B anness);

4. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin u ghalhekk m'hemm ebda pendenzi f'dan ir-rigward;

5. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimata (fol.14) li permezz taghha esponiet:

Illi l-esponenti tikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu;

Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jigi pronunzjat id-divorzju bejna u bejn zewgha A B b'dana pero` li r-rikorrent ghandu jikkonferma li l-manteniment kif patwit fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom dejjem gie mhallas u li m'hemm l-ebda arretrati dovuta.

Illi l-esponenti tirrileva wkoll li m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi minkejja dan l-esponenti tirrileva li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu esklussiv tar-rikorrent.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skont il-ligi, u bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Gunju 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat għalhekk  illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Gunju, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem  millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Takkorċja t-terminu għal-appell b'erbat ijiem.